Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, l-20 ta' Frar 2025**

**Kump. Nru. 1623/2025**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian Vella)**

**Versus**

**Clyde Camoin**
**(340087M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Clyde Camoin** detentur tal-karta tal-identita' numru 340087M.

Akkuzat talli fit-2 ta' Frar 2025 gewwa l-lokalita' tal-Hamrun u/jew bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer Maltin:

1. Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma' titqiesx vjolenza pubblika, kontra l-ufficjali Ps 1118 Joseph Bajada, Ps 1469 Emerson Borg, Pc 2093 Jonathan Borg, Pc 491 Gabriel Portelli u Pc 911 Sephora Attard, persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi u dan bi ksur tal-artiklu 96(a) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq Ps 1118 Joseph Bajada, Ps 1469 Emerson Borg, Pc 2093 Jonathan Borg, Pc 491 Gabriel Portelli u Pc 911 Sephora Attard persuni nkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur tal-artiklu 95 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi hebb ghal Ps 1118 Joseph Bajada persuna inkarigat bhala ufficjal pubbliku u kkagunalu griehi ta' natura hafifa

hekk kif gie ccertifikat minn Dr David Borg bin-numru mediku 4552 mill-klinika tal-Floriana u dan bi ksur tal-artikolu 221(1) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi volontarjament ghamel hsara fuq nuccali tal-vista, liema hsara ma tiskorrix mitejn u hamsin ewro (€250) ghad-detriment ta' PSs 1118 Joseph Bajada, persuna nkarigata bhala ufficjal pubbliku u dan bi ksur tal-artiklu 325 (1)(c) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt li jkunu qed jaghmlu d- dmirijiet taghhom, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix-[xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skont il-ligi, jew b'xi mod iehor li jkun, kemm-il darba din id-dizubbidjenza jew dan l-indhil ma jkunux jaqghu taht disposizzjonijiet ohra ta' dan il-Kodici jew ta' ligi u dan bi ksur tal-artiklu 338(ee) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Rat illi l-imputat, fis-seduta tas-17 ta' Frar 2025, irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tieghu tenna li huwa hati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lil imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammess.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

L-ammissjoni bikrijja ta' l-imputat.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat Artikolu 7, 8, 95, 96(a), 221(1), 325(1)(c) u 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **qed issib lill-imputat Clyde Camoin hati ta' l-akkuzi kollha migjuba kontrih** u tikkundannah ghal piena ta' **sentejn (2) prigunerija**, illi b'applikazzjoni ta' l-**Artikolu 28A tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu **sospizi ghal perjodu ta' tlett (3) snin millum,** kif ukoll ghal **hlas ta' multa ghas-somma ta' erbat elef Euro (€ 4,000.00) liema ammont ghandu jithallas fi zmien tlett (3) snin millum.**

Kif ukoll ai termini tal-**Artikolu 28H(1)** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-hati **Clyde Camoin sabiex ihallas l-ammont ta' mitejn u hames Euro (€ 205.00) lil PS 1118 Joseph Bajada fi zmien sitt (6) xhur millum.**

In oltre l-Qorti qeghda tqieghed lill-hati **Clyde Camoin** taht Ordni ta' Trattament ai termini tal-**Artikolu 412D** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex jinghata l-ghajnuna psikjatrika u psikologika necessarja kif ukoll kull ghajnuna ohra li jista' jkollu bzonn l-imputat, u b'mod partikolari li jsegwi t-terapija moghtija lilu sabiex jindirizza l-problemi tieghu ta' dipendenza fuq id-droga, hekk kif jista' jigi rakkomandat mill-Probation Officer, bl-intervent ta' Professjonisti varji, b'liema ordni qieghed isir ghal perjodu ta' **tlett snin (3) millum** u li hija soggetta għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**